# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**vs.**
**Marcelle Sacco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marcelle Sacco bint Paul Mintoff u Phyllis nee' Webb, mwielda l-Pieta' fit-08/07/1975 u toqghod Paul Flats, Numru 3, Triq il-Merill, Mellieha I.D. 333875(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Lulju, 2007 bejn it-tmienja u d-disgha ta' filghaxija;

1. Ghamlet uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlet uzu

minnu mhux sew u dan meta baghtet messagg mit-telefon cellular (Nru 99007266) lil Richard Sacco fuq in-numru cellular (Nru 99257169).

2. Ingurjat bi kliem lil Richard Sacco.
3. U talli nhar il-21 ta' Lulju, 2007 fi Triq Martin De Redin, San Pawl il-Bahar ikkawzat hsara volontarja fuq il-vettura tal-marka Seat Cordoba bin-numru tar-registrazzjoni DBH 502 liema hsara taccedi Lm50 lira izda inqas minn Lm500 ghad-dannu ta' Richard Sacco.
4. U talli bejn il-gimgha 20 ta' Lulju 2007 u s-Sibt 21 ta' Lulju, 2007 halliet il-minuri Anthea Sacco ta' disgha snin u Erika Sacco ta' sentejn wahedhom id-dar kif ukoll talli f'dawn l-ahhar xhur halliet lil imsemmija minuri fil-prezenza ta' studenti li ghadhom ukoll minuri li qeghdin residenti fid-dar matrimonjali, minghajr il-permess tal-kwerelant.

Rat l-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Ottubru, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhix oggezzjoni li l-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2009, fejn il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni.[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat in-nota tal-*parte civile* tal-14 t'April 2014, li biha informa lil din il-Qorti *"li huwa qieghed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa legalment rinunzjabbli fil-konfront ta' Marcelle Sacco."*[2]

---

[1] Ara fol. 7 tal-process.
[2] Ara fol. 86. tal-process.

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fiz-zmien tad-dati tal-imputazzjonijiet kontra l-imputata, l-imputata u l-parte civile, Richard Sacco, kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni, u l-parte civile ma kienx jghix fid-dar konjugali.
2. L-imputata kellha l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal taghhom minuri, wahda ta' disa' (9) snin u l-ohra ta' sentejn (2).
3. L-imputata xehdet li wara z-zwieg, hi u l-parte civile kienu xtraw zewg vetturi, wahda Tata Indica, li kienet tuza hi, u l-ohra Seat Cordoba li kien juza l-parte civile.
4. Il-parte civile xehed li dak in-nhar ta' l-incident, huwa kien qed jezercita d-dritt tieghu ta' access ghat-tfal li qalulu li ommhom kienet qed thallihom wahedhom id-dar, tohrog bil-lejl tiddeverti u tidhol fis-sakra lura d-dar.
5. Il-*parte civile* jghid li hu beza mill-konsegwenzi li jistghu jinqalghu jekk l-imputat issuq fi stat ta' sokor, il-karozza li kienet tuza, peress li din il-vettura kienet registrata f'ismu.
6. Ghalhekk, wara li wassal lit-tfal id-dar, il-*parte civile* cempel lil habib tieghu Joseph Apap, u talbu biex imur mieghu biex jiehu il-vettura li kienet qed tuza l-imputata.
7. Huma marru quddiem ir-residenza tal-imputata il-Mellieha, fejn kien hemm ipparkjata l-vettura Tata li kienet tuza l-imputata u minghajr ma qalulha xejn, l-*parte civile* fetah u saq din il-vettura, fil-waqt li Joseph Apap saq il-vettura Seat Cordoba warajh.
8. Il-*parte civile* pogga l-vettura Tata gol-garaxx, li kellhom il-Mellieha stess, u hu u Joseph Apap marru l-post fejn kien qed joqghod il-*parte civile,* San Pawl il-Bahar bil-vettura Seat Cordoba.

9. Meta waslu San Pawl il-Bahar, il-*parte civile* talab lil Joseph Apap jiccekjalu jekk kellux posta fil-fond fejn kien qed joqghod.
10. Waqt li qieghed jistenna lil Apap igib il-posta, *il-parte civile* ra lill-imputata gejja ghal fejn il-karozza tieghu – ghax kienet waslitha ohtha.
11. Il-*parte civile* jghid li l-imputata poggiet subghajha fuq il-bonnet tal-vettura, bic-caveta f'idejha u qaltlu *"jekk issuq nigbed"*.
12. Il-*parte civile* ma tax kasha, u malli saq, jallega li l-imputata girfitlu bic-cavetta l-vettura minn fuq il-bonnet ghal-genb shih tal-vettura.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

***<u>Konsiderazzjonijiet Preliminari</u>***

Qabel din il-Qorti tista' tghaddi biex tikkonsidra dawn il-proceduri fil-meritu, hija trid bil-fors tiddeciedi tlett kwistjonijiet preliminari, li huma s-segwenti:

1. L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata;
2. L-ammissibilita f'dawn il-proceduri ta' dak kollu li l-imputata qalet lill-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni;

*<u>L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata</u>*

Ghalkemm il-*parte civile* iddikjara li qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata, bl-eccezzjoni tat-tieni imputazzjoni, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio,* u ghalhekk din il-Qorti xorta trid tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet, tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet – stante li l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawk li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni, dan huwa r-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 255 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Għall-inġurja ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża:"* Ladarba, il-parti civile irtira l-kwerela tieghu fuq din l-imputazzjoni, allura din il-Qorti ma tistghax tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni imputazzjoni.

*L-Ammissibilita f'dawn il-Proceduri ta' dak li l-Imputata qalet lill-Pulizija waqt l-Investigazzjoni*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta dak kollu li l-imputata qalet lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni. Ghalkemm, f'din il-kawza ma gietx ezebita stqarrija tal-imputata, gie ezebit ir-rapport tal-Pulizija,[3] li jikkontjeni *in parte* il-versjoni tal-imputata dwar l-allegazzjonijiet maghmula mill-*parte civile* kontriha. Stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, din il-Qorti se tiskarta dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-Pulizija, u dan konformi mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

***Konsiderazzjonijiet dwar Htija***

Il-Qorti se tikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat wahda, wahda, apparti l-ewwel imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u t-tieni imputazzjoni, stante li kif diga inqal iktar il-fuq il-mertu taghha hu ezawrit, stante li l-parte civile irtirat il-kwerela.

---

[3] Ara fol. 32 *et seq.* tal-process.

*It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Reat ta' Hsara Volontarja fuq il-vettura Seat Cordoba ghad-dannu tal-Parte Civile*

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, l-imputata cahdet li hi kienet girfet il-vettura Seat Cordoba. Hi xehdet li hi ppruvat twaqqaf lill-*parte civile* sabiex tkellmu fuq il-fatt li kien hadilha l-karozza, hu saq ghal fuqha u baqa' sejjer.

Ix-xhud Joseph Apap, li ghen lill-parte civile jiehu l-vettura tal-imputata, jghid li meta hu nizel mill-vettura biex jiccekkja jekk kienx hemm posta, hu ra lill-imputata gejja b'cavetta f'idejha u mexxiet ic-cavetta minn *"fuq il-bonnet tal-karozza ghal fuq is-saqaf"* u ghamlet girfa.[4]

Din ix-xhieda ma taqbilx ma dik tal-*parte civile,* li xehed li l-girfa saret *"minn fuq il-bonnet ghad-dawra tal-karozza"*[5] u iktar tard jghid *"minn fuq il-bonnet u baqghet sejra fuq genb shih."*[6]

L-istima tad-danni li ezebixxa l-*parte civile* tirreferi ghal *spray painting* u *"panel beating"* minghajr ma tispecifika liema parti tal-vettura.[7] Huwa rilevanti li l-istima ghandha parti minnha biex isir xoghol ta' *"spray bonnet"*, pero din il-parti hija mhollija vojta. Kemm il-*parte civile* kif ukoll Joseph Apap xehedu li l-imputata kienet girfet il-bonnet tal-vettura, u ghalhekk wiehed kien jippretendi li fl-istima se jkun hemm stima sabiex jigi sprejjat ghall-inqas parti mill-bonnet.

Fid-dawl tal-kunflitt fix-xhieda bejn il-*parte civile* u Joseph Apap dwar fejn saret il-girfa, u l-konflitt tax-xhieda taghhom it-tnejn mal-istima ghall-ispray mehtieg sabiex tigi

---

[4] Ara xhieda ta' Joseph Apap a fol 71 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Richard Sacco a fol. 21 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Richard Sacco a fol. 22 tal-process.
[7] Ara Dok PB2 a fol. 15 tal-process.

moghttija l-girfa, din il-Qorti ma ssibx li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*<u>Ir-Raba' Imputazzjoni – Il-kontravvenzjoni li l-Imputata halliet lill-uliedha fil-bzonn</u>*

Kif diga inghad, *il-parte civile* xehed li t-tfal qalulu li ommhom – cioe l-imputata - kienet qed thallihom wahedhom id-dar, tohrog bil-lejl tiddeverti u tidhol fis-sakra lura d-dar.[8] Iktar tard jghid ukoll li t-tifla qaltlu li kienet thallihom wahedhom bil-lejl mal-istudenti, li kienu joqghodu fir-residenza tal-imputata.[9]

It-tifla tal-imputata, Anthea Sacco telghet tixhed meta kellha tnax (12)-il sena xehdet li meta l-imputata tohrog wahedha, hi u ohtha kienu joqghodu maz-zija. Mal-istudenti gieli qaghdu biss fil-ghodu, meta l-impututa tmur tixtri.[10]

L-imputata xehdet li hi qatt ma halliethom wahedhom it-tfal. Hi xehdet ghandha ohtha u huha joqghodu fl-istess blokk ta' flats taghha, u meta jkollha bzonn tohrog, u meta jkollha bzonn tohrog kienet thallihom ma xi hadd minnhom. Kienet thallihom wahedhom biss meta tmur tixtri l-Mellieha stess.

Fid-dawl ta' dan il-konflitt ta' xhieda, specjalment ix-xhieda tat-tifla stess, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

[8] Ara xhieda ta' Richard Sacco a fol. 20 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Richard Sacco a fol. 25 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Anthea Sacco a fol. 36 *et seq.* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet;
2. Issib lill-imputata mhux hatja tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u qed tilliberaha minnhom.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa LL.D.**

**Deputat Registratur**